Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

It- Tnejn,9 ta' Jannar 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.07pm

## 49.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

49.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta'apoloġija.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tmienja u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

49.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 49.3 Komunikazzjoni tas- Sindku

49.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li b'rabta mal-proġett ta' manutenzjoni ta' arbli tad-dawl u installar ta' CCTV's b'fondi mill-Skema Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom, li l- Kulsill ser joħroġ sejħa għal- offerti biex b'hekk ix-xogħolijiet ikunu jistgħu jitlestew sa l-aħħar ta'din is-sena.

49.3.2 Is- Sindku nfurma lill- Kunsill li l-applikazzjoni li saret mal- LESA biex jingħataw fondi għal xogħolijiet ta' tqegħid ta'*fencing* u *refurbishmen*t ta' Gnien Howards ma ġietx approvata u għaldaqstant kif ftehma fl-aħħar laqgħa ser tinħareġ sejħa għal- offerti biex isiru ukoll dawn ix-xogħolijiet.

49.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-pjanti għat- tqegħid ta parking bays ġew konkluzi u fil-ġimgħat li ġejjin ser jintbgħatu lil Transport Malta għal approvazzjoni.

49.3.4 Is- Sindku qal li kif jaf kulħadd mill-1 ta' Jannar 2023 l-iskart kollu, kemm riċiklabbli, mħallat u organiku kif ukoll ħġieġ beda jinġabar mir- Reġjun Punent u dan mhux ser ikun aktar fil-kontroll tal- Kunsill. Ilmenti ser jibdew jintbgħatu lir-Reġjun biex tittieħed azzjoni mill-kuntrattur tiegħu.

49.3.4.1 Is- Sindku fuq talba tas- SE talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara mobile li jkun disponibbli għal- Uffiċċju tal-Kunsill li minnu jkun jista' jsir komunikazzjoni fuq ilmenti ta' ġbir ta' skart kif ukoll ilmenti ta' natura oħra. Il-Kunsill approva.

49.3.5 Is- Sindku qal wara xhur li konna prattikament solvejna l-problema tad- *drifting cars* fil-Foss ta' L-Mdina bl-għajnuna tal-Pulizija, sfortunatament dawn il-karozzi reġgħu bdew jidhru fl-inħawi ezattament fil-bidu ta' Triq L-Gharreqin quddiem il-bieb ta' l-Mtarfa. Ser issir laqgħa urġenti mal-pulizija biex naraw x'jista' jsir.

49.3.6 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li fix-xhur li ġejjin ser jitwaħħlu CCTV cameras ġodda oħra quddiem d-daħla ta' l-Mdina u Greeks Gate b'fondi mir- Reġjun Punent.

**49.4 Bagit 2023 draft- Diskussjoni**

49.4.1 Il-Bagit għas-sena finanzjarja 2023 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż) għal approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

49.4.2 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2023

**49.5 Performance Bonus għas- Sena 2022 lis- Segr. Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali**

49.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2022 fir-rigward tas- Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ddiskuta r-rapport tas-Segretarju. F'dan il-ħin is- SE kien skuzat mill-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Is- Sindku nforma lis- SE illi l-Kunsill approva performance bonus ta' 10%.

49.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2022 fir-rigward tas- Sna Clare Camilleri, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s-Sna. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6%.

49.5.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2022 fir-rigward tas- Sur Francesco Scicluna, impjegat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sur Scicluna tingħata performance bonus ta' 6%.

**49.6 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill**

49.6.1 DLG- Talba g]al Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2023. Il-Kunsill ħa nota u ser iwieġeb għal din it-talba.

49.6.2 Proġetti fil-Komunitajiet LESA- Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni b'rabta ma l-Iskema "Ninvestu fil-Komita" ma gietx magħzula għal din is-sena.

49.6.3 Carmelite Priory- Ġejna nfurmati mill- Karmelitani li fl-4 ta' Jannar 2023 quddiem ir-rampa u l-bieb prinċipali tal- Knisja kien hemm xi ħaddiema mir- Restoration Directorate jieħdu xi qisien u qalulhom li ser isiru xi xogħolijiet fuqhom bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill mingħajr ma huma ġew infurmati u qed jitolbu xi kjarifika.

49.6.3.1 Bħala Kunsill jixtieq jippreċiza li fl-ebda ħin ma ġie infurmat b'dawn ix-xogħolijiet u li kategorikament jiċħad li jekk ser isiru xi xogħolijiet dawn ser isiru b'kollaborazzjoni mal- Kunsill.

49.6.4 Arċikonfraternita ta' San Guzepp- Ittra fejn qed jintalab li bejn it-12 u 19 ta' Marzu 2023 b'rabta mal- Festa ta' San Guzepp jittella' l-logħob tan-nar minn fuq It- Tomba (Howard Gardens) u minn fejn l-Istazzjon. Il-Kunsill talab lis- SE jikteb lis- Soċjeta fejn qed tintalab li tinbgħat dikjarazzjoni minn perit ta' l-għazla tagħhom fejn ikun hemm assigurazzjoni li permezz ta' dan in-nar mhux ser issir ħsara lil ambjent ta' madwar inkluz bini storiku kif ukoll fuq il- Pont ta' Gomorino li għadu kif ġie rranġat mill-ġdid mill- Gvern Ċentrali.

## 49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

49.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 9 ta' Jannar 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 13,578.67

49.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 49.8 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss

49.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.09pm u ġiet aġġornata għas- 6 ta' Frar 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___6 ta' Frar 2023__